# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju, 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 532/21TA**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282 (M), ta' 68/69, Melita Street, Valletta, għan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija estera Angophora Holdings Limited, kumpannija reġistrata ġewwa Ċipru bin-numru ta' reġistrazzjoni HE 294842, u bl-uffiċju reġistrat ġewwa Menandrou, 3 Glafkos Tower, 4th Floor, Flat/Office 401, 1066 Nicosia, Ċipru**

**vs**

1. **L-Avukat Dr. Antoine Cremona li b'nota tas-26 ta' April, 2021 assuma l-atti bħala mandatarju speċjali sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-assenti Andrei Mikhailovich Ovsyankin, detentur ta' passaport numru 719419981, u ta' Valeriy Anatolievich Kirilov, detentur ta' passaport numru 760732352;**

2. **EMCS International Services Limited (C 25114), fil-kapacita' tagħha ta' direttriċi tal-kumpannija Retemmy Finance Ltd. (C 97564);**

3. **Retemmy Finance Ltd. (C 97564)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta’ rikorrenti, kif rappresentata minn l-Avukat Alexander Schembri (ir-rikorrent nomine), tat-12 ta’ April 2021;

Rat id-digriet tagħha bl-istess data li bih, fost oħrajn, laqgħet it-talbiet tar-rikorrent nomine provvisorjament;

Rat ir-risposta ta’ EMCS International Services Limited (l-intimata EMCS) tas-16 ta’ April 2021;

Rat ir-risposta ta’ Andrei Mikhailovich Ovsyankin u ta’ Valeriy Anatolievich Kriliov (flimkien l-intimati) tat-28 ta’ April 2021;

Rat li s-Soċjeta’ Retemmy Finance Ltd, baqgħet ma għamlet ebda risposta;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-proċedura;

Semgħet lill-abbli difensuri tar-rikorrenti nominee, l-intimata EMCS u l-intimati fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2021;

Rat li f’dik is-seduta r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li qed jitlob ir-rikorrent nominee huwa, li l-intimati jiġu miżmuma b’kwalunkwe mod milli ibiegħu, jittrasferixxu, jassejaw jew jiddisponi, in parte jw in toto, sew b’titolu onreuz jew gratuwitu, jew b’xi mod iehor

jaggravaw jew inaqqsu l-valur tal-ishma tal-kumpannija intimata Retemmy Fiance Ltd. (C 97564), li tagħha l-intimata EMCS International Services Limited (C 2511) hija l-unika direttriċi, liema ishma huma detenuti interament mil-intimati Andrei Mikhailovich Ovsyankin, detentur ta' passaport numru 719419981, u Valeriy Anatolievich Kirilov, Detentur ta' passport numru 760732352.

Ir-rikorrent jgħid li għandu lodo ta' arbitraġġ tal-21 ta' Diċembru 2020, mogħti minn The London Court of International Arbitration fejn l-intimati ġew ikkundannati jħallsu lir-rikorrent nominee kumplessivament is-somma ta' €36,811,800.00 u dan għar-raġunijiet imsemmija fil-lodo inkwistjoni. L-intimati bejniethom huma ukoll, l-uniċi soċji tas-Soċjeta' intimata Retemmy Ltd, domiċiljata hawn Malta mill-Virgin Islands, fi kwoti mhux indaqs ta' ishma.

Jidher li l-intimati, permezz ta' żewġ kuntratti datati l-1 ta' Marzu 2021, taw b'rahan favur Soċjeta' Kummerċjali, li ma hiex parti għal dawn il-proċeduri, l-ishma li għandhom fis-Soċjeta' intimata Retemmy Ltd. Nel frattemp, ir-rikorrent nominee, talab liċ-Ċentru ta' Arbitragg Malti biex jirreġistra l-lodo fuq imsemmi u b'hekk ikun esegwibbli fuq propjeta' li għandhom f'Malta l-intimati, fost oħrajn l-ishma fuq imsemmija (ara dok AS1).

Ir-rikorrent nominee isostni . li dak kollu li ghamlu l-intimati, b'referenza għar-rahan imsemmi, sar bi preġudizzju għad-drittijiet tiegħu bħala kreditur abbażi tal-lodo inkwistjoni, għaliex dan sar b'qerq u ingann. Jiddikjara ukoll

li ser jippresenta Kawża biex jirixxindi l-kuntratti ta' rahan fuq imsemmija. Di fatti din il-Kawża giet intavolata fit-30 ta' April 2021 u minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, f'dik il-Kawza qed tkun esperita l-azzjoni pauliana (ara dok AS2).

Jirrisulta ukoll, li s-Soċjeta' intimata EMCS irriżenjat minn direttriċi u Segretarju tas-Soċjeta' intimata Rettemy u fir-risposta tagħha tgħid ukoll li ma kellha ebda konnoxenza tal-esistenza tal-proċedura tal-arbitraġġ li wassal għall-lodo fuq imsemmi (ara a' fol 34 u 35).

L-intimati jsostnu, li l-lodo li qed jistrieħ fuqu r-rikorrent nomine qed ikun kontestat mill-intimat Ovsyankin biss fl-Ingilterra. F'dawk il-proċeduri l-imsemmi qed jitlob it-twarrib ta' dan il-lodo (ara dok OK3). Dan ifisser li skont l-artikolu 61(5) tal-Kap 387 tal-liġijiet ta' Malta, it-talba li saret mir-rikorrent nomine biex jirreġistra l-lodo ser tkun sospiża. L-intimati jkomplu għidu li dak li għamlu ma sarx b'qerq u ingann u jiċħdu dan kollu. Dak li għamlu kien kontinwazzjoni ta' dak li ġara qabel u kif spjegat fir-risposta tagħhom.

Fl-aħħar nett, l-intimati isostnu ukoll li t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma hiex meħtiega, peress li l-pretensjonijiet tar-rikorrent nomine diġa jinsabu ikkawtelati permezz ta' mandat ta' qbid numru 534/2021.

Jibda biex jingħad li jkun xi jkun l-esitu ta' dawn il-proċeduri dan ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet u difiżi rispettivi tal-partijiet inkwantu jirrigwarda l-

azzjoni sostanzjali. Din il-Qorti hija hekk adita biex tara jekk prima facie r-rikorrent nomine għandux xi dritt x'jittitula ai fini ta' dawn il-proċeduri biss. Tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **Mandat Inibizzjoni numru 531/21 V&C Contractors Limited et kontra d- Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta' Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**).

Aktar minn hekk is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra mertu propju fil-Kawża li ġiet intavolata fuq imsemmija mir-rikorrent nomine. Huwa minnu ukoll, li dawn il-Qrati dejjem insistew li l-mandati Kawtelatorji ma għandhomx jintużaw bħala mezz ta' estorzjoni jew "arm's twisting" biex dak li jkun jieħu dak li jrid u li mhux bil-fors ikun intitolat għalih, mingħand il-kreditur tiegħu. Pero' minn naħa l-oħra l-anqas wieħed irid jinsa li l-Qorti trid tkun ukoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. (ara **digriet PA/JRM fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005**). Kull ma jeħtieg li jkun ipprovat ai fini ta' dawn il-proċeduri hu, li r-rikorrent nomine rnexxilu jipprova li għandu *prima facie* dritt xi jħares u li jekk isir dak li qed jintalab li jkun miżmum, jekk ma jkunx hekk miżmum, min ikun qed jitolbu jsofri preġudizzju irrimedjabbli. (Ara **digriet fl-ismijiet Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru.**

**3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited**). Dawn huma uħud mill-prinċipji li jiggwidaw lil din il-Qorti meta tkun rinfaċċjata d'dawn il-proċeduri.

**Il-Mandat ta' Qbid**

Il-Qorti tħoss li l-ewwel li għandha tikkonsidra huwa l-argument tal-intimati f'para 9 tar-risposta tal-intimati. Dawn jgħidu li ġaladarba diġa ġie ottenut mandat ta' qbid fuq dawn l-ishma, allura ma hemmx lok għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Jekk l-argument tal-intimati huwa wiehed legalment fondat, din il-Qorti l-anqas ikollha għalfejn tidhol f'argumenti oħrajn. Kull argument ieħor ikun superfluwu.

Huwa minnu li dawn il-Qrati jgħallmu li meta pretensjoni tista' tkun suffiċjentement ikkawtelata b'mandat li ma hux dak ta' inibizzjoni, dan tal-aħħar ma għandux jintlaqa' (**ara LK Limited Żebbug Malta vs Adrian Zammit , PA, tad-29 ta' Settembru tal-2010**). Pero' l-prinċipju jrid jittieħed fil-kuntest ta' dak li jkollha quddiemha din il-Qorti. Ma hux eskluż li kreditur jipprova jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu b'aktar minn mandat kawtelatorju, partikularment meta jkun hemm inċertezza fil-valur tal-oġġett li lejh ikun immirat il-mandat.

F'dan ir-rigward il-**Qorti tagħmel referenza għad-Digriet tal-Prim Awla tat-Tlieta 19 ta` Frar 2019 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta'**

**Inibizzjoni Numru 3/2019 JZM fl-ismijiet: SinSin Europe Solar Asset Limited Partnership (Reg. Nru. 70887) u SinSin Solar Capital Limited Partnership (Reg. Nru. 70738) et -vs- L-Av. Nicolai Vella Falzon nomine**. Il-fatti f'dawn il-proċeduri għalkemm mhux identiċi kienu simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti. F'dawk il-proċeduri l-Qorti osservat is-segwenti:

"*Setghux ir-rikorrenti jipprezentaw mandat ta` qbid kawtelatorju sabiex jottjenu dak li riedu bil-procedura odjerna mhijiex materja li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tidhol fiha ghall-fini tad-determinazzjoni ta` jekk il-procediment odjern kienx dak idoneju inkella le.*

*Jibqa` l-fatt illi l-ghazla ta` kif jikkawtelaw il-jedd pretiz, kien jispetta lir-rikorrenti. Setghu hadu riskju bil-fatt li jitolbu l-hrug ta` mandat bil-procedura odjerna, jekk mhux ghal xejn, ghall-fatt illi filwaqt illi b`mandat ta` qbid kawtelatorju, ma hemmx ir-rekwizit tas-smigh, fil-kaz tal-mandat ta` inibizzjoni, is-smigh huwa rikjest ad validitatem. Mhux biss. Izda r-rekwiziti ghall-hrug ta` mandat ta` qbid kawtelatorju huma bil-wisq inqas oneruzi sabiex jigu ppruvati minn dawk ta` mandat ta` inibizzjoni.*

*Il-Qorti tirriafferma l-principju li kull rikorrent ghandu kull jedd illi jikkawtela l-kreditu pretiz bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni tieghu. Meta tapplika dan il-principju ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz odjern, ma ssib xejn li jikkonfliggi mal-gurisprudenza citata mill-intimati. Fil-fehma taghha, il-hrug tal-Mandat kif rikjest mir-rikorrenti jissoddisfa din il-htiega".*

Aktar minn hekk mhux kull sitwazzjoni hija l-istess. Hemm ċirkostanzi fejn il-ħruġ ta’ mandat kawtelatorju wieħed ma jkunx biżżejjed biex ikunu ikkawtelati l-pretensjonijiet tal-kreditur. Fil-każ odjern il-konsiderazzjonijiet huma pjuttost opaki għax l-anqas il-valur ta’ dawn l-ishma ma hu magħruf. L-ishma huma minnhom infushom propjeta’ intanġibbli u li jistgħu jkunu effettwati mhux biss minn trasferimenti iżda anke fost oħrajn mit-tnaqqis tal-valur dovut għad-deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu mis-soċji.

Huwa minnu wkoll li l-proviso tal-artikolu 285 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta tipprovdi għan-nullita *ipso iure* ta’ kull trasferiment minn notifika tal-mandat lill-Awtorita’ kompetenti bl-istess mod li jagħmel l-artikolu 876(4) tal-istess Kap. Iżda r-rimedji li jipprovdi l-mandat ta’ inibizzjoni fuq ishma, għalkemm f’ċertu effetti jikkonċidu ma’ dawk tal-mandat ta’ qbid, ma jipprovdihomx dak tal-aħħar.

Fil-proċeduri odjerni, ir-rikorrent nomine apparti s-soliti talbiet dwar it-trasferiment u disponiment tal-ishma, hemm dik li ma jittieħdux deċiżjonijiet mill-intimati li jistgħu inaqqsu l-valur tagħhom. Rimedju bħal dan il-mandat ta’ qbid ma jipprovdix. Għalhekk dan l-ilment tal-intimati ma għandux fundament ġuridiku fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha din il-Qorti.

**Mertu**

Kwantu għall-argumenti dwar l-applikazzjoni tal-artikoli rilevanti tal-Kap 387 tal-liġijiet ta’ Malta, partikolarment dwar dak li jipprovdi artikolu ċitat mill-

intimati inkwantu jirrigwarda r-reġistrazzjoni tal-lodo fid-dawl li wieħed mill-intimati għamel proċeduri fl-Ingilterra biex iwarrab l-effetti tiegħu, fil-fehma ta’ din il-Qorti dan huwa argument ta’ natura legali li jrid ħafna ħsieb u għandu jkun ikkunsidrat fil-fond mill-Qorti li ġiet adita bil-Kawża fuq imsemmija. Mingħajr ma tnaqqas xejn mill-valur tal-argumenti tal-abbli difensuri u tenut kont tal-valuri kbar involuti, din hija materja, li din il-Qorti ma tistax tesprimi ruħha dwarha f’dawn il-proċduri u dan fl-interess taż-żewġ partijiet. Kull ma trid tagħmel din il-Qorti hu, li tara jekk mad-daqqa t’għajn, hemmx lok li jitħarsu kawtelatorjament il-pretensjonijiet tar-rikorrent, fis-sens, li għandu pretensjoni ta’ dritt li jistħoqqlu li jiġi mħares, pendent id-deċiżjoni finali fuq il-materja.

F’dan ir-rigward irid ukoll jingħad, li l-pretensjonijiet tar-rikorrent diġa’ ġew dedotti b’kawża u dan indipendentement minn kull argument dwar l-applikazzjoni ta’ dawk l-artikoli tal-liġi u cioe’ kap 387. Fi ftit kliem l-azzjoni li qed jipproponi hija dik biex jirrintegra l-valuri tal-ishma inkwistjoni fid-dawl tar-rahan tagħhom u dan sabiex il-patrimonju tal-intimati jagħmel tajjeb fl-eventwalita’ li jkollu titolu x’jesegwixxi bis-saħħa tal-lodo imsemmi anke jekk għadu fi proċeduri fejn wieħed mill-intimati qiegħed jipprova jwarrab l-effetti tiegħu. Il-fatt li hemm lodo favorevoli għar-rikorrent nomine kif fuq spjegat, li f’Malta l-intimati għandhom propjeta’ konsistenti l-ishma mertu tal-proċeduri u li r-rikorrent għandu wkoll biżgħa fondata kif spjegat fir-rikors tiegħu, dan kollu jirrappresenta element neċessarju għall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent nomine.

Għalhekk b'dan kollu quddiem ghajnejha, din il-Qorti hija konvinta li sa fejn jirrigwarda l-intimati, ir-rikorrent irnexxielu jipprova li jesistu l-elementi kollha sabiex it-talbiet tiegħu fil-konfront tagħhom personalment, bħala t-titolari għall-ishma tas-Soċjeta' intimat Retemmy għandhom jintlaqgħu.

Sa fejn jirrigwarda l-intimati l-oħrajn, inkwantu l-intimata EMCS, kif diga' aċċenat din irriżenjat minn kull kariga li kellha. Illum la għadha Direttriċi u l-anqas *company secratary* tas-Soċjeta' intimata Retemmy. Għalhekk ma hux il-każ li t-talbiet rikorrenti għandhom jintlaqghu fil-konfront tagħha.

Kwantu għall-intimata Soċjeta' Retemmy, għalkemm id-dritt ta' trasferiment ta' ishma jappartjeni lis-soċi din is-Soċjeta' xorta għandha ċerti obbligi taħt il-Kap 386 tal-liġijiet inkwantu jirrigwarda tali trasferiment (ara fost oħrajn Kapitolu VI dwar disposizzjonijiet mixxellenji dwar azzjonijiet u obbligazzjonijiet). Dan ifisser, li l-intimata Soċjeta' Retemmy hija koinvolta legalment, anke jekk mhux direttament f'dawk ix-xorta ta' attivitajiet ta' natura korporattiva li r-rikorrent nomine qiegħed jimmira għalihom bil-proċeduri odjerni. Il-Qorti wkoll trid tfakkar illi din is-soċjeta' naqset milli tagħmel risposta skont il-liġi. Għalhekk huwa ġustifikat li t-talbiet jintlaqgħu anke fil-konfront ta' din is-Soċjeta'.

Għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet fuq imsemmija fil-waqt li qed tvarja d-digriet provvisorju tagħha tat-12 ta' April 2021 billi qed tikkonfermah biss fil-konfront tal-intimati Ovsyankin, Kirilov u Retemmy Finance Ltd (C

97564), tilqa' ukoll b'mod definittiv, it-talbiet tar-rikorrent nomine kif mitluba fil-konfront biss ta' dawn l-intimati ad eskluzjoni ta' EMCS International Services Limited.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lil Malta Business Registry sabiex tagħmel dak li trid minnha l-liġi.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu tal-intimati Ovsyankin u Kirilov.

**Mogħti kameralment illum 7 ta' Mejju, 2021**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**